**Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil**



# Sejbiet ewlenin tar-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE fl-2016

**Ir-Rapport Annwali tal-EASO għall-2006** jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn in-numru u n-natura tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri tal-UE flimkien man-Norveġja, mal-Iżvizzera, mal-Iżlanda u mal-Liechtenstein (l-UE+). Filwaqt li hu bbażat fuq numru ta' sorsi differenti, dan jeżamina x-xejriet tal-asil, inklużi l-isfidi u r-risponsi ewlenin matul is-sena, l-iżviluppi istituzzjonali u legali kbar u jagħti ħarsa ġenerali lejn il-funzjonament prattiku tas-**Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA).**

## Strateġija għall-futur

Proposta mill-Kummissjoni Ewropea stipulat ir-**riforma** maħsuba **tas-SEKA**, li tinkludi tibdiliet previsti fis-sistemi ta' Dublin u ta' Eurodac, mandat imsaħħaħ tal-EASO, kif ukoll reviżjonijiet tad-Direttivi dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza, il-Proċeduri tal-Asil u l-Kwalifika. Inizzjattivi mnedija taħt l-**Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni** komplew fl-2016, inklużi l-mekkaniżmi ta' rilokazzjoni mill-Greċja u mill-Italja u l-approċċ hotspot, waqt li rigward attivitajiet ta' dimensjoni esterna, il-Kummissjoni fittxet li tistabbilixxi Qafas ġdid ta' Sħubija ma' Pajjiżi Terzi.

## Żviluppi ewlenin

Fl-2016, daħlu kważi 1.3 miljun applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+. Dan kien tnaqqis ta' 7 % meta mqabbel mal-2015 meta ġew ippreżentati madwar 1.4 miljun applikazzjoni.



Filwaqt li n-numru ta' applikazzjonijiet naqas b'7%, il-pajjiżi tal-UE+ baqgħu jirreġistraw kull applikant u jipproċessaw il-każijiet tagħhom. Fl-2016, il-pajjiżi tal-UE+ ħarġu kważi **1.15 miljun deċiżjoni tal-prim'istanza, żieda ta' 84 %** meta mqabbla mal-2015. Barra minn dan, id-deċiżjonijiet maħruġa fit-tieni istanza fl-2016 żdiedu meta mqabbla mal-2015, **b'21 %**. Ir-**rata ġenerali ta' rikonoxximent kienet ta' 61 % għal deċiżjonijiet tal-prim'istanza** u żdiedet meta mqabbla mas-sena preċedenti.

L-ogħla numri ta' applikanti għal asil reġistrati kienu ċittadini tas-**Sirja, tal-Afganistan, tal-Iraq, tal-Pakistan u tan-Niġerja.** Il-pajjiżi riċeventi ewlenin kienu **l-Ġermanja, l-Italja, Franza, il-Greċja u l-Awstrija.**



**Kważi terz tal-applikanti kienu nies taħt it-18-il sena.**

Fl-2016, aktar minn 65 000 minorenni mhux akkumpanjat (UAMs) applikaw għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+, 37 % inqas mis-sena preċedenti. Ċittadini Afgani ppreżentaw 37 % tal-applikazzjonijiet UAM kollha fl-UE+.

Il-kriżi fis-**Sirja** baqgħet fattur ewlieni fin-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+. Is-Sirjani ressqu **26 %** tal-applikazzjonijiet **kollha** fl-UE+.

F'diversi pajjiżi tal-UE+, is-sistemi tal-asil għaddew minn ristrutturar intern iżda raw ukoll il-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda u tibdiliet fil-mandati. Il-politiki f'diversi oqsma ġew emendati, inklużi **l-kontenut tal-protezzjoni, l-akkoljenza, ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għal asil, il-proċeduri speċjali, il-kwistjonijiet li jikkonċernaw gruppi vulnerabbli** u **r-ritorn.**

L-EASO kompla bl-**appoġġ operazzjonali tiegħu mogħti lill-Greċja, lill-Italja, lil Ċipru u lill-Bulgarija**, hu u jespandi progressivament il-preżenza tiegħu u l-ambitu tal-involviment tiegħu fuq il-post. Minn Settembru tal-2015, l-EASO beda jappoġġja l-programm ta' rilokazzjoni tal-UE mill-Italja u mill-Greċja lejn pajjiżi Ewropej oħra. L-aġenzija kompliet bl-attivitajiet tagħha fil-bini ta' kapaċità u fit-taħriġ, fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni prattika bejn il-pajjiżi tal-UE+, fil-ġbir u fl-analiżi ta' informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva u ta' informazzjoni dwar il-pajjiżi ta' oriġini, u fid-dimensjoni esterna.

**Għal aktar informazzjoni żur www.easo.europa.eu jew agħmel kuntatt fuq info@easo.europa.eu**

**IL-MISSJONI TAGĦNA HIJA LI NAGĦTU APPOĠĠ**

© Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, 2017 Ritratt © EASO

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Stamp | ISBN 978-92-9494-605-8 | ISSN 1977-4826 | doi:10.2847/827905 | BZ-AB-17-001-EN-C |
| PDF | ISBN 978-92-9494-604-1 | ISSN 2314-9701 | doi:10.2847/870 | BZ-AB-17-001-EN-N |